**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 34**

**L-Erbgħa 17 ta' Novembru 2021**

Il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-Binja tal Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, fl-16:30.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | – | Sindku |
| Elenia Desira | – | Viċi Sindku |
| Janice Chetcuti | – | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | – | Kunsillier |
| Stephen Caruana | _ | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Charles Attard | – | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

| | |
|---|---|
| **34.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| **34.1.1** | Xejn |
| **34.1.2** | Is-Sur Daniel Zerafa kien preżenti b'mod virtwali għal-laqgħa permezz tal-Microsoft Teams. |
| **34.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| **34.2.1** | Kopja tal-minuti tas-seduta preċedenti numru 33 tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ta' dawn il-laqgħat ittieħdu bħala moqrija. |
| **34.2.2** | Is-Sin. Elenia Desira ppoponiet u ssekonda is-Sur Stephen Caruana bħala koretti, il-minuti tas-seduta preċedenti numru 33 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **34.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku** |
| **34.3.1** | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li wara li ittelgħu post fuq il-paġna soċjali ta' Facebook dwar it-Toroq mitfija l-għada kellu diversi telefonati ta' twiddib, kemm mill-Ministeru kif ukoll mis-CEO tal-Water Servises u CEO tal-Enemalta.<br><br>Għalhekk saret korrezzjoni fuq dan l-avviż. |
| **34.3.2** | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li nhar il-11 ta' Novembru l-applikazzjoni tal-Awtorita tal-IAppjanar rigward il-Binja tal-Kunsill kienet ser tagħlaq. Dakinhar kellhom *clearance* min-naħa tal-Lands Department u għaldaqstant ma kienx hemm għalfejn jitħallas xejn biex tiġi estiża l-applikazzjoni. Il-permess miexi kif suppost. |
| **34.3.3** | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti dwar każ ieħor tal kwistjoni tal-Monti u Ristoranti ta' max-xatt. Ġie deċiż li dan jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss. |
| **34.3.4** | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti dwar il Fun Run tal-President. Il-Kunsilliera Janice Chetcuti u Elenia Desira ġew appuntati sabiex jieħdu ħsieb il-mixja. Fakkar li hemm ilma u frott biex jitqassam għall-mixja. Is-Sindku spjega ukoll li kien hemm xi problemi peress li ma kienx ser ikun hemm puluzija biex jikkontrollaw it-Traffiku li ġiet riżolta.<br><br>Ġiet spjegata ukoll ir-rotta li kellhom jimxu. |
| **33.4** | **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera** |
| **34.4.1** | Is-Sur Daniel Zerafa saqsa jekk hux pjanat li jsiru toroq ġodda fejn is-Sindku qal li iva hemm żewġ toroq u diġa twaħlu xi tabelli. Daniel talab li idealment ma jinqalawx għal żmien il-Festi sabiex ukoll ma jinħoloqx konġestjoni. |

| | |
|---|---|
| **34.4.2** | Is-Sur Daniel Zerafa ukoll dwar xi pjanti miksura u s-Sindku qallu li ser jinqalgħu. |
| **34.4.3** | Dr. Janice Chetcuti resqet domanda dwar il-Barumbara fejn qalet li staqsiet ukoll lil Avukat tal-Kunsill Dwar x'jista isir. Daniel Zerafa qabel mal-Avukat li jistennew l-Appell u jimxu min hemm. Daniel qal ukoll li jista jkun ukoll li n-nies li ffirmaw il-petizzjoni jistgħu jiftħu kawza mill-ġdid u jitolbu li l-Kunsill jingħaqad magħhom. Fuq dan l-aħħar kumment Is Sindku irrimarka li Kien hemm drabi fejn il kunsill prova jieħu pożizzjoni, bħall każ meta waħħal tabelli sabiex jitnaddaf ix-xatt u kien hemm oppożizzjoni u issa qas hemm fejn iddur. |
| **34.4.4** | Dr. Janice Chetcuti saqsiet dwar il-proposta li kienet saret sabiex jitranġaw il-bankini fejn is-Sindku qal li ser isiru laqgħat mal-Ministeru konċernat sabiex tiġi diskussa din il-proposta. |
| **34.5** | ***Quarterly Financial Report*** |
| **34.5.1** | Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjega fid-dettal dan ir-rapport fej qal li għall dan it-*term* in-nefqa kienet aktar min dak li kien stmat peress li tħalsu permessi. Spjega ukoll li is-saħħa Finanazjarja tal-Kunsill hija tajba ħafna. |
| **34.6** | **Skema finanzjarja SPI/SC/8/2021. Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern** |
| **34.6.1** | Is-Sindku flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv iddiskutew dwar x'jista jsir b'dan il fond. Gie propost li jsiru rampi fil bankini kollha, fejn hu possibli sabiex dawn ikunu aċċessibli min persuni li jagħmlu użu mill-pushchairs kif ukoll wheel chairs. Kien hemm qbil unanimu sabiex imexxu fuq din il-proposta. |
| **34.7** | **Approvazzjoni Skema Kinanzjarja SPI/SCI/7/2021 dwar Fond ta' manutenzjoni u Sostenn ta' proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali.** |
| **34.7.1** | Is-Sindku propona li issir manutenzjoni u *upgrade* tul ix-xatt tas-sajjeda u il-pjazza. Is-Sur Daniel Zerafa staqsa rigward il-funatana fejn is-Segretarju qallu li ser jipprova idaħħal din ukoll. Il-Kunsill qabel unanimament li jsir upgrated u manutenzjoni ta tul ix-xatt u l-pjazza. |
| **34.8** | **Ġnien fi Triq il-Labour** |
| **34.8.1** | Is-Sindku spjega li l-Perit reġa daħħal applikazzjoni mal-Lands Department fejn ġie ukoll propost li jsir ġibjun. |
| **34.9** | **Boat Storage** |
| **34.9.1** | Is-Sur Daniel Zerafa ikkomunika li l-Hamis 18 ta' Novembru kellha tinqara s-sentanza tal-kawża dwar il-Boat Storage. Janice Chetcuti ikkumentat li il-Kunsill m'għandux kontroll imma għamel l-għalmu tiegħu. Is-Sindku reġa sostna il-punt tiegħu sabiex ħadd ma jgħid li l-Kunsill qatt m'għamel xejn. |

| | |
|---|---|
| | |
| **34.10** | **Planning Authority** |
| **34.10.1** | Pipeline tal-Gas ġiet approvat. Imiss issa li l-Kummisjoni Ewropeja tapprova il-proġett. Janice Chetcuti saqsiet jekk kienx hemm xi *hearing* ieħor u ġiex irrekordjat l-interess tal – Kunsill. Daniel wieġeb li iva. |
| **34.10.2** | Hemm applikazzjoni ġdida għall ristorant ieħor max-xatt. |
| **34.11** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti** |
| **34.11.1** | Is-Sur Daniel Zerafa saqsa dwar item 17 (il-byelaws) fejn is-Segretarju qallu li kellu jagħmel kuntatt miegħu l-Avukat. |
| **34.11.2** | Proponiet is-Sin. Elenia Desira u ssekonda s-Sur Stephen Caruana. |
| **33.12** | **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| **33.12.1** | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-17:25, wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021, fl-16:30. |

**Konfermati, illum 15 ta' Diċembru 2021**

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

______________________

**Steven Grech**
*Sindku*

______________________

**Charles Attard**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*